# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

### Laqgħa Nru. *46/2016*

Data: It-Tlieta, 29 ta' Marzu 2016

Ħin: 4.20 pm

Post: Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti: Sur *Paul Azzopardi – Sindku*
*Sra Jeanelle Attard – Kunsilliera*
*Sur George Zammit – Kunsillier*
*Sur Hubert Saliba - Kunsillier*

*Sur Ruben Cassar* – Agent *Segretarju Eżekuttiv*
*Sna Odette Camilleri – Agent Segretarju Ezekuttiv*

Skużati: *Sur Domenic Zerafa – Vici Sindku*

Assenti: n/a

---

## AĠENDA

1. Laqgħa Pubblika;
2. Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Approvazzjoni ta' kontijiet;
4. Korrispondenza;
5. Materji oħra
6. Tmiem il-laqgħa

# 1. Laqgħa Pubblika

**1.1** Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

# 2. Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti Nru 45 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, s-Sur Ruben Cassar.

# 3. Approvazzjoni ta' kontijiet

**3.1** Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher fiċ-ċedola ta' pagamenti nru 7-46 li qed tiġi annessa ma dawn il-minuti.

# 4. Korrispondenza

**4.1** Korrispondenza mibgħuta mill-Avukat Jean Paul Grech għan-nom tal-Kunsill lid-Direttur tal-Artijiet rigward talba għal devoluzzjoni ta' fond fi Triq Santa Katerina. Għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex id-dettalji tas-Seg. Eżekuttiv jiġu mibdula qabel ma jiġi iffirmat il-Kuntratt. *Devoluzzjoni*

**4.2** Ma kienx hemm qbil fost il-membri rigward l-isem propost- Triq Antonio Saliba (Matematiku u Astronomu Għawdxi) mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex għat-triq bla isem fl-inħawi ta' Ġokk. Fuq proposta tas-Sur Saliba, l-membri qablu li ssir talba lil istess Kumitat biex din it-triq tissemma Triq is-Surmast Joseph Vella. *Ismijiet ta' Toroq*

**4.3** Inġabret kwotazzjoni minngħand Parker Randall Turner sabiex isir l-*update* tal-*Fixed Assets Register*. Il-membri qablu li l-prezz kwotat għandu jiġi negozjat sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċizjoni. *Fixed Assets Register*

**4.4** Ittra minngħand is-Soċjeta' Filarmonika Prekursar sabiex il-Kunsill ikun jista' jirriklama fuq il-ktejjeb tal-programm tal-Festa. Il-membri qablu li jirreklamaw *Ktejjeb tal-Festa*

bħas-snin l-imgħoddija.

4.5 Emejl minngħand Kevin Sciberras, *Precincts Coordinator* għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura fejn talab sabiex tiġi mislufa l-urna l-kbira li tintuża għal ħuġġieġa fiċ-ċelebrazzjoni ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann. Il-membri qablu. *Self ta' Urna*

4.6 Ittra minngħand id-Direttur, Carmel Abela fejn informa lil Kunsill li s-Sna. Odette Camilleri ġiet approvata bħala Aġent. Seg. Eżekuttiv fid-9 ta' Marzu 2016. *Agent Seg. Ezekuttiv*

4.7 Emejl minngħand European Destinations of Excellence Network sabiex il-Kunsill iġedded l-*membership* għal din is-sena. Il-membri ma qablux ma din. *Membership*

4.8 Ittra mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jesebixxi basket bil-fjuri u l-frott għal prezz ta' €25 fejn l-għajnuna tmur għal Dar il-Providenza. Il-membri qablu. *Dar il-Providenza*

# 5. Materji Oħra

5.1 Is-Sindku nforma lil membri li ser terġa toħroġ offerta oħra għal xiri ta' *pick up van* peress li min ġabar l-offerta ma tefaħiex. Is-Sur Saliba u s-Sna. Attard proponew li minflok *pick up van* għandu jinxtara *commercial van* kbir. Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-Kunsill m'għandux fondi biżżejed għal dan u għalhekk wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li terġa toħroġ sejħa għall offerta għal *pick up van.* *Hrug ta' offerta*

5.2 Is-Sur Saliba propona sabiex issir talba lil Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq sabiex Sqaq Nru 1 fi Triq l-Indipendenza jingħata l-isem 'Triq l-Iskultur Toni Camilleri'. *Isem ta' Triq*

5.3 Is-Sindku nforma lil preżenti illi Triq Santa Elizabetta dalwaqt ser tiġi miksija il-parti tal-*vodafone* peress li bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet dwarha. *Triq Santa Elizabetta*

5.4 Is-Sindku talab sabiex tintbgħat ittra lil Perit Anġlu Portelli fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tintalab id-devoluzzjoni mill-Gvern għal parti privata fi Triq il-Barrieri u Triq ir-Rotunda sabiex tkun tista' wara tiġi miksija mill-Gvern *Devoluzzjoni ta' Triq Privata*

Centrali. Il-membri qablu.

*Bankina*

**5.5** Is-Sur Saliba qal li fejn saru l-bankini fi Triq San Bert tħalla xi gandott u għalhekk talab biex jintela'. Il-membri qablu.

*Ghajnuna lil Iskola*

**5.6** Is-Sna. Attard infurmat lil membri li l-Kap ta' l-Iskola qed titlob sabiex l-klassi tal-Kinder 1 tiġi attrezzata kif inhu meħtieġ. Il-membri talbu aktar informazzjoni f'dan ir-rigward.

*Harga ghal Malta*

**5.7** Is-Sna. Attard talbet l-approvazzjoni tal-membri sabiex tkun tista' torganizza il-Ħarġa għal Jum l-Omm fis-6 ta' Mejju. Il-membri qablu.

*Gemellagg*

**5.8** Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-ġemellaġġ miexi ħmielu u li għandu jiltaqa' ma persuna f'dan ir-rigward.

*CCTV Pjazza San Gwann Battista*

**5.9** Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-preżenti sabiex issir CCTV fejn il-latrina tal-Pjazza u dan sabiex ma jkunx hemm atti vandali. Is-Sur Saliba propona li qabel għandu jiġi iċekjat is-servizz ta' l-SKYLINE peress li diġa hemm xi Kunsilli qedgħin jużaw din is-sistema. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tindaga aktar fuq din is-sistema.

*Double yellow line*

**5.10** Is-Sindku talab sabiex tintbgħat ittra lil Transport Malta għal approvazzjoni ta' *5 metri double yellow line* fi Triq Majmuna kantuniera ma Triq l-Imġarr.

## 6. Tmiem il-Laqgħa

**6.1** Il-laqgħa intemmet fis-6.10 ta' fil-għaxija. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 t'April 2016 fil-4.00 ta' wara nofs in-nhar.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

***Paul Azzopardi***
*Sindku*

***Odette Camilleri***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***26 t'April 2016***